**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 28/1991**

**Illum: 25 ta' Lulju, 2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Cassar**
**(ID 578165(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Christopher Cassar**, 25 sena, iben Francis u Carmen nee` Tanti, imwieled il-Pieta` fl-14 ta' Dicembru 1965, u residenti 'Monclaire', Scotch Pine Street, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 578165(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul l-1989, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(a) Approprja ruhu, billi dawwar fi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn merkanzija u flus b'valur li jeccedi l-Lm45,000, liema flus u merkanzija kienu ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing)[1] Ltd u li kienu gew fdati jew ikkunsinjati lilu minhabba l-kariga jew servizz tieghu u cioe fil-kapacita` tieghu bhala 'saleseman' impjegat mal-imsemmija socjeta`, taht titolu illi

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-14 ta' Marzu 1991.

jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus u merkanzija jew li jsir uzu minnhom specifikat (Art. 293 u 294 ta' Kap. 9);

(b) Ghamel falsifikazzjonijiet f'atti awtentici, jew fi skritturi kummercjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamel uzu minn skrittura falsifikata imsemmija (Art. 183 u 184 ta' Kap. 9).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz illi waqt l-ezami tieghu, l-imputat wiegeb illi mhuwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll in-Nota tal-Avukat Generali[2], li permezz taghha indika li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 293, 294, 183, 184 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 1992, l-imputat iddikjara illi m'ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita[3];

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' April 2015, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2015;

Rat illi minkejja illi din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-1989, l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-8 ta' April 2013 u dan wara li l-Magistrat sedenti giet assenjata din il-kawza bis-sahha ta' digriet tal-assenjazzjoni tad-doveri datat l-1 ta' Frar 2013. Minn dak iz-zmien, l-imputat intavola proceduri ta' natura kostituzzjonali, u in oltre wara li dawn gew decizi b'ezitu sfavorevoli ghalih u wara d-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' April 2015, intavola appell mill-istess digriet, liema appell ukoll kellu ezitu sfavorevoli ghall-istess imputat, bil-konsegwenza illi din il-Qorti kellha tistenna li jinghalqu dawn il-proceduri sabiex tkompli bis-smiegh tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

---

[2] A fol. 147 tal-process.
[3] A fol. 148 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat Christopher Cassar kienu s-segwenti:

L-imputat kien gie originarjament ingaggat mis-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited bhala *delivery man* u f'Marzu tas-sena 1989, beda jahdem bhala *sales representative* mal-istess kumpanija. F'Dicembru tal-istess sena, il-*Financial Controller* tal-imsemmija socjeta`, u cioe` Victor Brockdorff irrapporta lill-pulizija illi l-imputat Christopher Cassar kien akkumula debitu mal-istess socjeta` ta' madwar hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) u dan fir-rigward ta' merkanzija li giet konsenjata lilu fil-kwalita` tieghu ta' *salesman* u li l-istess imputat kien telaq minn Malta. Ghalhekk saru ndagini kemm mill-pulizija, kif ukoll mis-socjeta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited dwar flejjes rapprezentanti valur ta' merkanzija li l-imputat kien ircieva u li allegatament huwa naqas li jikkunsinja lis-socjeta` msemmija u anke dwar merkanzija li kienet indikata bhala mibjugha u kkonsenjata lil terzi identifikati fuq dokumenti ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited, meta dan seta' ma kienx il-kaz. Eventwalment l-imputut gie lura Malta f'Novembru 1990, gie arrestat u rrilaxxja stqarrija nhar it-23 ta' Novembru 1990[4], wara li huwa nghata s-solita twissija, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jinghad fl-ewwel lok illi l-Qorti qeghda tqis bhala prova inammissibbli l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu fit-23 ta' Novembru 1990 u ghalhekk, fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogazzjoni taghha. Dan id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010 u l-posizzjoni legali dwar tali stqarrijiet, illum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali *ossia* **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat**

[4] Din tinsab esebita a fol. 25 *et seq* tal-process.

**Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".* Ghaldaqstant, l-istqarrija tal-imputat qeghda tigi skartata.

**L-Ewwel Imputazzjoni: Approprjazzjoni Indebita – Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9**

Ir-reat tal-approprjazzjoni bla jedd huwa kkontemplat fl-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li fiz-zmien tal-kaz odjern, kien jghid hekk:

"*Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija ghal zmien mhux izjed minn disa' xhur:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."*

L-Artikolu 294, imbaghad, iqis bhala cirkostanzi aggravanti r-reat tal-approprjazzjoni bla jedd meta "*... dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu ...*", f'liema kaz, l-azzjoni titmexxa *ex officio* u l-piena, fiz-zmien tal-kaz odjern, kienet dik ta' prigunerija minn hames xhur sa sena.

Dwar dan ir-reat, inghad hekk fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Dicembru 1959, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis**:

"*Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni ndebita in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggetti li minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mill-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe` minghajr ingann. Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament f'idejh haga ta' hadd iehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu.*

*Ghalkemm, imhabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali lezjoni tad-dritt tal-proprjeta` jew dritt reali iehor minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess, u huma t-tnejn tal-volta maghrufa fid-dottrina bhala 'furto improprio."*

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Bamber</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Gunju 2001, inghad hekk dwar fatti li kienu simili ghal dawk tal-kaz odjern:

*"Preliminarjament ghandu jinghad li dwar dan l-agir ta' l-appellant ma hemm assolutament ebda dubju. Hu stess ammetta fl-istqarrija tieghu illi l-flus li kien gabar mill-klijenti ammontanti, skond hu, ghas-somma ta' Lm1,601.70, ma kienx ghaddihom lid-ditta li thaddmu, izda kien uzahom ghalih personalment. Il-fatti, ghalhekk, jinsabu pruvati sal-grad li titlob il-ligi.*

*Illi dwar dan biss, ghalhekk, tali agir ta' l-appellant certament jammonta ghall-vjolazzjoni ta' l-obbligu tieghu li jirrestitwixxi jew jghaddi dawn il-flus lill-fuq imsemmija ditta, kif kien tenut li jghamel skond l-impieg u istruzzjonijiet li kellu. Id-ditta kienet weriet fiducja fl-appellant billi fdatu li ghan-nom taghha jigbor il-flus, propjeta' taghha, minghand id-diversi klijenti, taht l-obbligu li jghaddi dawn il-flus lill-istess ditta. F'dan l-ghemil ta' l-appellant, mela, hemm zgur il-ksur ta' din l-obbligazzjoni jew fiducja li din id-ditta weriet fl-appellant.*

*Il-kwistjoni kollha, ghalhekk, hi jekk l-appellant ghandux ragun jghid li f'dan l-ghemil ma jiffigurax ir-reat addebitat lilu ghaliex min kien tah il-flus ma sofra ebda dannu w ma kien hemm ebda ksur ta'obbligazzjoni ta' restituzzjoni ta' l-istess fil-konfront tieghu.*

*Din il-Qorti xejn ma taqbel ma' din l-argumentazzjoni jew sottomissjoni ta' l-appellant. Il-Qorti hawnhekk tghamel riferenza ghal dak li jghid <u>Vincenzo Manzini fil-ktieb tieghu "Trattato di Diritto Penale Italiano", Quinta Edizione, Volume Nono</u>, fejn jitkellem dwar id-delitti kontra il-patrimonju. Skond il-Manzini, u l-Qorti sejra hawnhekk tirriproduci testwalment x'jghid dan l-awtur:*

> *"Il possesso dell'oggetto puo` essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante. <u>Percio', commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere altre cose, per conto del mandante, che faccia suo quel che</u>*

> <u>ricevette</u>. *E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."* [sottolinear ta' dik il-Qorti]

*Dan hu kliem ferm car li bhala ezempju ta' dan ir-reat, il-Manzini jsemmi precizament kaz identiku, sottolineat fil-bran kkwotat minn din il-Qorti, ta' dak in ezami f'dawn il-proceduri. Barra minn hekk, ta' min jikkwota wkoll dak li jghid il-<u>Maino fil-ktieb tieghu "Commento al Codice Penale Italiano</u>", UTET (Milano), 1922, vol. IV, pagna 104:*

> *"La appropriazione indebita si consuma col disporre della cosa contro la legge del patto stipulato a buona fede".* [sottolinear ta' dik il-Qorti]

Ghalhekk il-Qorti kkonkludiet hekk:

"*Hu f'dan is-sens, ghalhekk, li l-ewwel Qorti kellha ragun tghid li dan hu reat fejn si tratta ta' ksur jew vjolazzjoni tal-fiducja mqeghdha fuq, jew murija fl-agent mill-mandanti, f'dan il-kaz id-ditta li kienet timpjega lill-appellant. Dan il-ksur jew abbuz ta'fiducja sar fil-mument li l-appellant approprija ruhu mill-flus tad-ditta Five Effs Cold Stores Limited li kienet timpjegah kontra r-rieda ta' l-istess ditta.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Gauci</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1997, inghad hekk dwar l-istess reat:

"*Minn ezami ta' dan l-artikolu jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-appropjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-kaz prezenti, huwa kkostitwit mill-frazi "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefa li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkometti r-reat ta' appropjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun appropja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti kwistjoni ta' moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' appropjazzjoni*

*indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*"

In oltre fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminal fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole LL.D.</u>**, fit-23 ta' Dicembru 2003, inghad hekk dwar l-element formali tar-reat ta' approprjazzjoni indebita:

"*Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita, fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profitt minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Maino (op. cit. supra):*

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo… Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la*

*giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo.*"

Ikkunsidrati l-elementi, kemm dawk formali, kif ukoll dawk materjali tar-reat tal-approprjazzjoni indebita mahsub fl-Artikolu 293 tal-Kap. 9, jehtieg illi l-Qorti tikkunsidra c-cirkostanzi tal-kaz odjern kif rizultanti mill-atti processwali. Jirrizulta illi l-imputat ghadda lil terzi flejjes minn merkanzija konsenjata mis-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. Jehtieg ghalhekk illi jigi stabbilit jekk l-obbligu impost mill-agent passiv (id-ditta) fuq l-agent attiv (l-imputat) kienx (i) illi l-istess flejjes jintraddu lura lill-agent passiv, jew, altrimenti (ii) li jsir minnhom uzu specifikat.

Huwa evidenti illi kemm il-darba jirrizulta illi s-socjeta` in kwistjoni ingaggat lill-imputat bhala *sales representative* li, da parti tieghu, f'dik il-kwalita`, ircieva minghand terzi hlas ghal merkanzija li kienet tappartjeni lill-istess socjeta` u li giet mibjugha mill-istess socjeta` bl-intervent tal-imputat fl-istess kwalita` tieghu ta' *salesman,* u sussegwentement huwa naqas milli jikkonsenja dan il-hlas lis-socjeta` msemmija, allura l-imputat huwa hati ta' approprjazzjoni indebita. Fil-fehma tal-Qorti, u effettivament anke b'ammissjoni stess tal-istess imputat, huwa proprju dan li sehh fil-kaz odjern.

X'kienet in-natura tar-relazzjoni bejn l-imputat u s-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited? Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, Victor Brockdorff[5], *Financial Controller* tal-imsemmija socjeta` jghid illi l-imputat kien jahdem mad-ditta bhala *sales representative.* Jghid ukoll illi originarjament, l-imputat kien dahal bhala *delivery man*, izda f'Marzu 1989, huwa wera x-xewqa illi jahdem mal-istess ditta bhala *sales representative* u f'din il-kwalita`, ix-xoghol tieghu kien li jigbor ordnijiet minghand il-hwienet, klijenti tad-ditta. Eventwalment, kien iqassam ix-xoghol li kien ordnat lilu lill-hwienet u kien responsabbli ghall-gbir tal-flus tad-ditta minghand l-istess hwienet. Jghid ukoll l-istess Brockdorff illi r-relazzjoni tad-ditta mal-hwienet, klijenti tad-ditta, kienet ta' zewg tipi: kien hemm klijenti li kellhom il-kont taghhom direttament mal-kumpanija u kien hemm tip ta' klijenti ohrajn li kienu jhallsu direttament lis-*salesman*. Skont Brockdorff, f'din it-tieni tip ta' relazzjoni, il-kumpanija kienet tohrog *invoice* fuq is-*salesman* stess u ghalhekk is-*salesman* kien ikollu kont favur il-kumpanija. Fl-ewwel tip ta' relazzjoni, l-*invoice* kienet tohrog direttament fuq il-klijent individwali. Brockdorff jghid ukoll illi fit-tieni kaz, oltre *delivery note* kienet tohrog ukoll *cash sale*, liema *cash sale* kien johrogha s-*salesman* stess sabiex jistabilixxi relazzjoni

[5] Ara din ix-xhieda, a fol. 39 sa 52 tal-process u a fol. 70 sa 75 tal-process.

diretta bejnu u bejn il-klijent. Jispjega wkoll illi minn Gunju 1989, id-ditta ppruvat tirranga s-sistema taghha sabiex tirrendi x-xoghol izjed facli ghas-*sales representatives* u dan fis-sens illi dawn kellhom biss jigbru l-ordni minghand il-klijent u l-konsenja, imbaghad, kienet issir minn terza persuna (impjegata tad-ditta). Il-gbir tal-flus baqa' dejjem f'idejn is-*salesman*, hlief f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn tkun saret *cash sale* ossia l-hlas ikun sar mal-konsenja. Brockdorff jispjega wkoll illi matul il-gurnata, kull *salesman* kien jaghmel rapport tal-agir tieghu lis-*sales executive* u bhala regola, dan kien isir kuljum. Matul dawn il-verifiki mas-*sales executive*, kull *salesman* kien jaghti kopja hadra ta' kull *cash sale* lis-*sales executive* u dan sabiex jindika lill-istess *sales executive*, l-ammont ta' merkanzija li jkun qed ibiegh, il-valur taghha, kif ukoll lil min qed ibiegh l-istess merkanzija. Sussegwentement, il-flus kollha ta' dan il-bejgh li jkun sar, irid jasal ghand id-ditta. Fil-kazijiet fejn il-klijent kellu relazzjoni diretta mad-ditta u ried ihallas direttament lid-ditta, is-*salesman* kien imur ghand il-klijent u jigbor il-flus u s-*salesman* imbaghad kellu jikkonsenjahom lid-ditta. Bl-istess mod, fejn kien hemm relazzjoni diretta bejn is-*salesman* u l-klijent, is-*salesman* kien jiehu hsieb li jigbor il-flus u anke hawn dawn il-flus kellhom jidhlu f'idejn id-ditta. F'dawn il-kazijiet, il-kont tas-*salesman* mad-ditta kien ikun *on credit basis*. Ix-xhud esebixxa wkoll *specimen* ta' kull dokument li kien jintuza mill-kumpanija ossia id-*delivery note* (kopja tibqa' mas-*salesman*, ohra mal-*istorekeeper* u ohra fl-ufficcju tad-ditta), il-*cash sale* (wahda tinghata lill-klijent, zewg kopji jinzammu mis-*salesman* u wahda minnhom eventwalment tinghata lis-*sales executive*).

Skont l-istess xhud, il-bilanc tal-kont li kellu l-imputat mad-ditta fil-11 ta' Dicembru 1989 kien ta' Lm54, 676.20c 3m. Jghid ukoll ix-xhud illi f'din id-data, hu l-imputat informa lill-i*Store Manager* illi l-imputat kien telaq minn Malta u ghalhekk huma ppruvaw isibu l-*cash sales* relattivi sabiex ikunu jistghu jirkupraw il-flejjes dovuti lid-ditta mill-imputat. Id-ditta kellha wkoll sistema fis-sens illi s-*salesman* kien ikollu *ledger sheet* ghal kull klijent li fuqu jindika l-flus li kellu jigbor minghand il-klijenti. Perjodikament kull *salesman*, inkluz l-imputat, kien jigi mitlub jiehu dawn il-*ledger sheets* lid-ditta sabiex issir rikonciljazzjoni ta' dak li jidher li jkun dovut lid-ditta mis-*salesman*. Mal-imputat, din ir-rikonciljazzjoni kienet saret l-ahhar fl-ahhar ta' Ottubru 1989, meta l-bilanc fil-kont tal-imputat ossia l-flejjes dovuti minnu lid-ditta kienu ta' Lm44, 353.

Jghid ukoll ix-xhud illi ghalkemm sar kuntatt mal-familja tal-imputat sabiex isibu l-*ledger sheets* u l-kopji tal-*cash sales* tal-istess imputat, dawn ma nstabux. Biss ipprovaw jistabilixxu mill-kopji tal-*cash sales* li kellu f'idejh is-*sales executive* tad-ditta, minghand liema klijenti din kellha tigbor il-flus. Id-ditta bdiet tavvicina l-klijenti u minghand xi whud minnhom gie stabbilit illi dawn kien ghad fadlilhom

jaghtu xi flus lid-ditta. L-ammont li ngabar minghand dawn il-klijenti kien jigi depositat fil-kont tal-imputat fis-sens illi kien jigi kreditat fil-kont tieghu. Jghid ukoll ix-xhud illi dan ix-xoghol ta' stharrig sar minn ezekuttivi tal-kumpanija. Kien hemm ukoll kazijiet fejn xi klijenti li gew ikkonfrontati bil-kopja tal-*cash sale*, kienu nfurmawhom li ma kinux jafu b'dik il-konsenja u li ma kinux ircevew il-merkanzija relattiva. Effettivament, id-*delivery man*, certu Jesmond Aquilina li wkoll xehed f'dawn il-proceduri, kien ikkonfermalu illi kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputat kien jindikalu illi certi konsenji ma kellhomx isiru kif indikat fil-*cash sale* izda f'post iehor. Dawn il-*cash sales* hekk imsejjha fittizji gew esebiti fl-atti.[6] Skont ix-xhud, kien hemm ukoll kazijiet fejn klijenti li kellhom ihallsu direttament lid-ditta qalu lid-ditta illi ma kellhom jaghtuha xejn u wrewhom dokumenti tal-hlas iffirmati mill-imputat. Ix-xhud jghid ukoll illi dawn kienu jammontaw ghas-somma ta' Lm4, 756.79c 6m u esebixxa fotokopji tad-dokumenti murija lilhom minn dawn il-klijenti, li jinsabu esebiti fl-atti u mmarkati bhala Dok. VB5. Dawn ukoll gew debitati fuq il-kont tal-imputat u skont ix-xhud ghalhekk, fiz-zmien tax-xhieda tieghu, l-imputat kellu jhallas lid-ditta s-somma ta' Lm 52, 419.20c 9m. Eventwalment, saru inkontri mal-imputat u mal-avukat tieghu, izda ma kienx hemm qbil dwar l-ammont dovut mill-imputat lid-ditta.

Il-Qorti ezaminat id-*Delivery Notes* u l-*Invoices* esebiti minn Victor Brockdorff u mmarkati Dok. VB1 u VB2, liema dokumenti jirrizulta li huma lkoll ndirizzati *"Messrs Chris Cassar"* u *"Chris Cassar"* rispettivament. Il-Qorti ezaminat ukoll il-*cash sales* esebiti bhala Dok. VB3A minn fejn jirrizulta illi dawn id-dokumenti mhumiex mahruga f'isem l-imputat Cassar, izda f'isem l-akkwirent ahhari tal-merkanzija. Dan jikkombacja sew mal-ispjega moghtija minn Brockdorff fid-deposizzjoni tieghu u l-Qorti ghalhekk tifhem u tqis illi d-dokumenti kollettivament mmarkati Dok. VB1 u VB2 u anke Dok. VB3A jirreferu ghat-tieni tip ta' relazzjoni u transazzjonijiet li Brockdorff jirreferi ghaliha fix-xhieda tieghu, liema transazzjonijiet kienu jigu debitati fil-kont tal-imputat mad-ditta kif jidher mis-*sales ledger* f'isem l-imputat.

Il-Qorti ezaminat ukoll id-dokumenti esebiti bhala Dok. VB4, liema dokumenti mhumiex indirizzati f'isem l-imputat, izda f'isem terzi, u dan filwaqt li rat u kkunsidrat ulterjorment in-notamenti bl-idejn fuq l-istess dokumenti li jaqraw *"transfer to A/C 006032"* u *"debited to C. Cassar A/C"*.

Il-Qorti rat ukoll is-*sales ledger* li gie esebit minn Victor Brockdorff u li jinsab immarkat bhala Dok. VB3, liema *sales ledger* jelenka: (i) il-fatturi kollha mahruga

[6] Ara a fol. 76 tal-process.

fuq il-kont bin-numru 006032 f'isem l-imputat Christopher Cassar; u (ii) l-pagamenti li Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. tkun rceviet kontra l-istess fatturi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi effettivament l-imputat ma jichadx, anzi jammetti fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, illi fiz-zmien in kwistjoni u bhala *salesman* tas-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd., huwa kien jircievi flus dovuti lid-ditta ghall-bejgh tal-merkanizja taghha lill-klijenti tad-ditta, u jghaddihom lil terza persuna, certu Raymond Debattista, u dan skont hu, ghaliex kien qed jigi mhedded mill-istess Debattista. L-imputat ghalhekk jammetti illi huwa wettaq l-atti materjali li jikkostitwixxu r-reat lilu addebitat, izda jikkontendi li ghamel dan taht pressjoni u theddid da parti tal-istess Raymond Debattista, liema theddid, skont hu, xejjen il-volontarjeta` tieghu fl-azzjonijiet minnu ripetuti. Kif jirrizulta ampjament mit-trattazzjoni finali taghha, fil-fatt, id-difiza mhijiex tikkontesta li l-elementi materjali tar-reat ta' misappropprjazzjoni jissussistu, anzi tghid illi dawn jirrizultaw, izda qeghda minflok tikkontesta l-element formali tar-reat u dan bhala konsegwenza tal-koerzjoni ezercitata fuq l-istess imputat minn terzi persuni.

L-imputat xehed diversi drabi f'dawn il-proceduri fuq medda ta' snin twal u jirrepeti kemm il-darba dak li wasslu sabiex jghaddi l-flus tad-ditta lil Debattista – fi stadji, anke b'dettalji mizjuda li ma jsemmihomx qabel. Jghid illi Debattista beda jaqbad mieghu biex jiehu "*il-flus tal-imghallem*"[7], jitlaq b'dawn il-flus u jehles mill-inkwiet li kellu mal-mara. Eventwalment, skont hu, Debattista beda jheddu li kien ser joqtollu lill-mara u lit-tifel u beda jaghmillu izjed pressjoni billi anke wrieh ritratt ta' martu u ta' ibnu u eventwalment urieh *revolver* u qallu sabiex jaghtih il-flus, ghaliex kien ser imur fuq il-mara u t-tifel u jisparalhom. Izjed ma' Debattista beda jippressah, fi kliemu stess, eventwalment huwa beda jaghti lil Debattista "*flus li jiena kont nigbor minghand <u>il-klijenti tad-ditta Alf Mizzi and Sons</u>. Jiena kont nghaddilu somom ta' flus, daqqa elf lira u daqqa elfejn lira. Minghalija b'kollox ghaddejt lil dan Debattista is-somma ta' Lm22,000.*"[8] (sottolinear tal-Qorti). F'parti ohra tax-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi lil Debattista u lil Azzopardi, kien tahom madwar Lm 20,000. Skont l-imputat, prezenti waqt dawn l-inkontri fejn huwa kien jghaddi l-flus lil Debattista, kien ikun hemm dejjem Giovanni Azzopardi, grossist li, fi kliemu stess, "*kien ibiegh affarijiet <u>bhal dawk li kont inbiegh jien f'isem id-ditta</u>*"[9] (sottolinear tal-Qorti). Fix-xhieda tieghu, Giovanni Azzopardi jikkonferma li huwa kien jara lill-imputat

[7] A fol. 154 tal-process.
[8] A fol. 157 tal-process.
[9] A fol. 158 tal-process.

jghaddi l-flus lil Debattista, izda jghid illi ma kienx jaf x'kienet ir-raguni ghal dan. Effettivament anke Debattista, fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, ghalkemm fi stadju minnhom jaghzel li ma jwegibx ghad-domanda dwar jekk kinux ghaddew flus bejnu u bejn l-imputat sabiex ma jinkriminax ruhu, izjed 'il quddiem, jghid illi kien hemm zmien meta huwa sellef lill-imputat is-somma ta' Lm8,400 u li minn din is-somma l-imputat kien hallsu cirka Lm4,000. Skont hu, dan is-self sar f'Ottubru 1989 u kienet saret skrittura dwar dan. Dwar ix-xhieda ta' Raymond Debattista, l-imputat jghid b'referenza ghal Debattista, illi "*jaf li hu ha l-flus kollha li jien kont qed nigbor ta' Alf Mizzi & Sons taht theddid u b'armi tan-nar*"[10] (sottolinear tal-Qorti). Jghid ukoll illi "*meta jien inkun qed niddilja flus tan-nies u biex j*[n]*ghaddiehom lilu beda jsir aggressiv*"[11] (sottolinear tal-Qorti). Eventwalment, skont hu, wara li ghadda diversi flejjes lil Debattista, Azzopardi u Debattista bdew jitolbuh sabiex jikkonsenja merkanzija tad-ditta lil Azzopardi, fil-waqt illi johrog ix-xoghol f'isem klijenti ohrajn sabiex Azzopardi ma jidhirx. Ukoll skont l-imputat, wara li forna lil certu Michael Cachia b'merkanzija tad-ditta, fil-waqt illi anke hawn hareg ix-xoghol fuq haddiehor, saru arrangamenti bejnu, Cachia u Debattista sabiex dan Cachia ihallas lil Debattista (u mhux lill-imputat) tal-merkanzija. Dan gie wkoll ikkonfermat minn Cachia fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.[12]

Quddiem din il-Qorti, kif preseduta, f'punt minnhom fix-xhieda tieghu, l-imputat jittenta jargumenta illi stante illi x-xoghol kien johrog fuq ismu, huwa kien sempliciment debitur tad-ditta, bl-istess mod bhal grossista li jixtri l-merkanzija minghand id-ditta. Skont hu, mbaghad, fejn ibiegh il-merkanzija u kif johrog il-karti, affarih. Biss meta mistoqsi in kontro-ezami dwar dan il-kumment tieghu u mistoqsi specifikatament b'referenza ghal dak li kien qal fix-xhieda tieghu precedenti fis-sens illi huwa kien beda jaghti l-flus lil Debattista ossia "*flus li jiena kont nigbor minghand il-klijenti tad-ditta Alf Mizzi and Sons. Jiena kont nghaddilu somom ta' flus, daqqa elf lira u daqqa elfejn lira. Minghalija b'kollox ghaddejt lil dan Debattista is-somma ta' Lm22,000*", jekk dawn il-flus kienux tieghu, ta' Debattista jew tad-ditta, l-imputat wiegeb illi "*Kienu ta' Alf Mizzi fdati lili*".[13]

Ghalhekk huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti, illi minkejja s-sistemi differenti, kif spjegati mix-xhud Brockdorff, li biha kienet topera l-kumpanija mas-*salesmen*

---

[10] A fol. 523 tal-process.
[11] A fol. 526 tal-process.
[12] Dwar dan, il-Qorti tqis illi din ic-cirkostanza izjed twassal ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali li l-imputat ma giex addebitat bih, milli ghar-reat in dizamina u dan stante illi f'dan il-kaz, id-ditta kienet qeghda tikkonsenja l-merkanzija, b'rizultat tal-qerq ezercitat mill-imputat, li kien jindika klijent b'iehor sabiex issir il-konsenja tal-merkanzija.
[13] A fol. 532 tal-process.

rispettivi taghha u dan fis-sens illi fil-waqt illi kellha kontijiet diretti mal-klijenti taghha, kien hemm ukoll sistema fejn il-kont kien ikun direttament mas-*salesman* li da parti tieghu kien jigbor l-ordnijiet minghand il-klijenti tad-ditta u x-xoghol kien f'dan il-kaz johrog fuq ismu, din kienet biss kwistjoni ta' *modus operandi* divers u xejn izjed. Effettivament fi kliem l-imputat stess u kif jirrizulta car mill-brani fuq citati u anke sottolineati mill-Qorti, il-flejjes li kien qed jigbor l-imputat kienu jingabru minnu ghan-nom tad-ditta li maghha kien impjegat bhala *salesman*, kienu flejjes tad-ditta u fi kliemu, fdati lilu. L-istess flejjes kienu qeghdin jingabru minghand klijenti tad-ditta u ghalhekk mhux minghand klijenti tieghu u l-bejgh tal-merkanzija kien dejjem isir minnu f'isem id-ditta. Dwar dan, m'hemm l-ebda dubju f'mohh il-Qorti, tant illi effettivament anke meta x-xoghol kien johrog f'isem l-imputat, id-ditta kienet izzomm u tesigi kontroll fuq dan ix-xoghol, kif jirrizulta ampjament mix-xhieda ta' Brockdorff u dan apparti illi l-merkanzija kienet tohrog mill-istess ditta, kienet tigi konsenjata mid-*delivery man* tad-ditta u fuq dokumenti tad-ditta u intestati lkoll f'isimha.

Jirrizulta wkoll illi d-diversi xhieda, klijenti tad-ditta, li xehdu matul dawn il-proceduri, ilkoll irrikonoxxew illi huma kienu jixtru l-merkanzija minghand id-ditta u li l-imputat kien sempliciment *salesman.* Hekk per ezempju, Emanuel Bezzina li kellu hanut gewwa San Gwann, jghid illi lill-imputat jafu bhala *salesman* mad-ditta Alf Mizzi and Sons (Marketing) Ltd., li kien jaghmel l-ordnijiet ghand l-istess imputat u li dan kien igiblu l-merkanzija. Jghid ukoll illi kontijiet pendenti "*mad-ditta*"[14] ma kellux. Anna Galea li kellha hanut il-Mosta, tghid illi hija kienet tixtri "*minghand id-ditta Alf Mizzi and Sons Marketing Limited*"[15] u li kellha kont pendenti mad-ditta sa xahrejn qabel. Lill-imputat kienet tafu. Alphonse Mifsud, li kellu hanut gewwa l-Mosta, jghid illi huwa kien jaf lill-imputat bhala *salesman* mad-ditta ta' Mizzi u li kontijiet pendenti mad-ditta ma kellux. Bl-istess mod, Joseph Camilleri li kellu hanut gewwa l-Mosta, jghid illi lill-imputat kien jafu bhala *salesman* mad-ditta ta' Mizzi u li kontijiet pendent mal-istess ditta kellu biss tal-ahhar xahar. Emanuel Vella li kellu hanut il-Mosta, wkoll jghid illi huwa jaf lill-imputat bhala *salesman* mad-ditta Alf. Mizzi and Sons (Marketing) Ltd. u jirreferi ghall-kontijiet li kellu pendenti mad-ditta. John Muscat li wkoll kellu hanut il-Mosta, jghid illi huwa kien jaf lill-imputat u li dan "*kien igib ix-xoghol ghandi f'isem id-Ditta t'Alf Mizzi*".[16] Jghid illi huwa dejjem kien jahdem b'*cash sales* mad-ditta u li ghalhekk ma kellux kont pendenti maghhom. Anna

[14] A fol. 89 tal-process.
[15] A fol. 91 tal-process.
[16] Ara a fol. 102 u 103 tal-process.

Zahra, li kellha hanut Hal-Qormi, tghid bl-istess mod illi hija taf lill-imputat peress illi kien imur ghandhom sabiex "*ibieghlna xi affarijiet tad-Ditta ta' Mizzi*".[17]

Finalment irid jinghad ukoll illi tant l-imputat kien ibiegh il-merkanzija ghan-nom tad-ditta, illi kif diga` gie accennat izjed 'il fuq, kien hemm okkazzjonijiet li fihom, huwa kien sahansitra jindika fuq id-dokumenti tad-ditta, isem ta' klijent li ghalih tkun intiza l-merkanzija, meta l-klijent kien fir-realta` ikun haddiehor iehor, f'certi kazijiet, klijent dan ukoll tad-ditta, izda illi l-istess ditta ma kinitx tkun trid tfornih izjed, sakemm ihallas l-pendenzi tieghu maghha jew fi kliem iehor, ghaliex ikun qabez il-*credit limit* mad-ditta. Biex jahbi dan il-fatt, l-imputat jghid illi huwa kien juri ktieb b'iehor lid-ditta sabiex id-ditta ma tindunax b'dak li kien qed jaghmel hu ossia illi huwa kien qed iforni merkanzija lill-klijenti li d-ditta ma riditx tfornihom sakemm ihallsu l-pendenzi taghhom maghha. Dan juri kemm fil-fatt il-bejgh tal-merkanzija kien isir mid-ditta u li l-imputat kien sempliciment ibiegh il-merkanzija ghan-nom taghha.

Ghaldaqstant m'hemmx dubju illi l-elementi materjali tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 293 tal-Kap. 9 jissussistu, kif m'hemmx dubju illi jissussistu wkoll c-cirkostanzi aggravanti fl-Artikolu 294 tal-istess Kapitolu stante illi l-merkanzija in kwistjoni kienet fdata lill-imputat minhabba l-kariga u s-servizz tieghu mad-ditta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif jirrizulta mit-trattazzjoni finali tad-difiza, l-imputat qieghed javvanza l-iskriminant tal-koerzjoni, li fil-fatt hija l-unika difiza li l-imputat qieghed iressaq f'dan il-kaz. Kif diga` inghad, l-istess imputat xehed diversi drabi f'dawn il-proceduri u f'kull okkazzjoni jaghmel referenza ghall-allegat komplott bejn Raymond Debattista u Giovanni Azzopardi fil-konfront tieghu. Huwa jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, kien qed jirriskontra problemi fiz-zwieg tieghu u li l-istess Debattista u Azzopardi hadu vantagg minn din is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha, tant illi huwa gie mbezza', b'mod partikolari minn Debattista, fis-sens illi stante li kien refa' jdejh fuq martu, kienu ser jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu dwar *'manslaughter'* u kien ser jigi inkarcerat. Fi kliemu stess, f'dan il-perjodu, Debattista beda jaqbad mieghu sabiex jiehu l-flus tal-imghallem, jitlaq

[17] A fol. 105 u 106 tal-process. F'dan is-sens ara wkoll ix-xhieda ta' Raymond Micallef, a fol. 115 sa 117 tal-process, ix-xhieda ta' Louis Sargeant, a fol. 128 sa 130 tal-process, ix-xhieda ta' Mary Cachia, a fol. 131 sa 133 tal-process, ix-xhieda ta' George Sammut, a fol. 78 sa 81 tal-process, ix-xhieda ta' Charles Magrin, a fol. 97 sa 98 tal-process, ix-xhieda ta' Albert Bezzina, a fol. 116 sa 118 tal-process, ix-xhieda ta' Mario Tanti, a fol. 119 sa 121 tal-process u x-xhieda ta' Raymond Abela, a fol. 144 sa 145 tal-process.

b'dawn il-flus u jehles minn dan l-inkwiet. F'dan iz-zmien, madankollu, huwa tkellem mal-avukat tieghu, li qallu li fil-fatt ma kien hemm xejn serju. Izid jghid ukoll illi bil-mod il-mod, il-pressjoni da parti ta' Debattista fuqu kompliet tikber b'tali mod illi skont hu, din kienet tali illi ma kellux ghazla ohra ghajr illi jaghmel dak li l-istess Debattista u f'certi aspetti, anke Giovanni Azzopardi, kienu qeghdin jitolbu minnu, ossia hlas ta' flus tad-ditta lil Raymond Debattista u trasferiment ta' dik il-proprjeta' li kienet tikkostitwixxi r-residenza tieghu lill-istess Debattista, u dan taht theddid u minaccji gravi, kif ukoll konsenja ta' merkanzija lil Giovanni Azzopardi. Hawnhekk il-Qorti tinnota illi fl-ahhar deposizzjoni tieghu, l-imputat jattribwixxi t-theddid lil Azzopardi wkoll. L-imputat jghid illi Debattista wrieh ritratt tal-mara u tat-tifel tieghu u qallu li kien jaf fejn kienu joqoghdu (ghaliex sadanittant il-mara kienet telqet mid-dar u bdiet tghix mal-genituri taghha) u sussegwentement, meta skont l-imputat, Debattista beda jara illi l-imputat ma riedx jaghmel dak mitlub minnu, urieh ukoll pistola u heddu li kien ser jispara lill-mara u lit-tifel. Fl-ahhar deposizzjoni tieghu fit-22 ta' Lulju 2016, u ghalhekk 27 sena wara li sehh il-kaz, l-imputat donnu jiftakar izjed dettalji u jzid jghid illi Debattista kien faqqa' l-pistola fid-direzzjoni tieghu sabiex ibezzghu aktar. Isemmi wkoll fix-xhieda tieghu matul is-snin, illi certu persuna mlaqqma il-Wangi kien anke urieh *machine gun*, u li dan kien gie mibghut minn Debattista sabiex ibezzghu. Fl-ahhar deposizzjoni tieghu, l-imputat jiftakar ukoll illi kien hemm okkazzjoni fejn stante illi ghaddiet gimgha li fiha ma ghaddhiex flus lil Debattista, l-istess Debattista rega' mar izuru mal-Wangi, biex jara ghaliex m'ghaddilux flus. L-imputat xehed ukoll illi f'Dicembru tas-sena 1989, ghall-gharrieda huwa gie mgharraf minn Debattista illi dakinhar stess kellu jsiefer lejn l-Ingilterra flimkien mieghu, u li t-tnejn li huma kienu twasslu l-ajruport minn Giovanni Azzopardi. Ghalkemm Debattista riedu jibqa' l-Ingilterra – sabiex ma jinkixifx dak li kien sar – mal-hbieb tal-istess Debattista, huwa minflok mar jghix ma' zitu u dam hemm kwazi sena, sakemm gie lura Malta u gie arrestat mill-pulizija mal-wasla tieghu.

Fit-trattazzjoni taghha, id-difiza tirreferi ghal dawn il-fatti u zzid tghid illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien ghadu zghir u illi ghalhekk rinfaccjat b'dawn ic-cirkostanzi, kien mahkum minn biza' kbira.

Konsegwentement, dak li trid tikkunsidra din il-Qorti huwa jekk l-imputat kellux il-volonta` hielsa li trid il-ligi sabiex ikun jista' jinghad illi huwa kriminalment responsabbli tal-atti minnu kommessi, jew altrimenti jekk dawn ic-cirkostanzi jissodisfawx ir-rekwiziti tal-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali, bil-konsegwenza li jservu ta' skriminant u ghalhekk jehilsuh minn kull reat lilu addebitat f'dawn il-proceduri, u dan ghaliex sabiex tinstab reita` fl-imputat, jehtieg jirrizulta fil-grad rikjest mil-ligi, mhux biss illi l-imputat materjalment wettaq ir-reati lilu addebitati,

izda wkoll illi huwa kellu l-intenzjoni volontarja u hielsa li jwettaq l-atti materjali inkriminanti.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-Artikolu 33 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Kull persuna tkun ezenti minn responsabilita` kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas – ... (b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha.*"

Fin-noti tieghu, il-Professur Mamo jghid illi l-element formali li jrid jissussisti sabiex wiehed jinstab hati ta' reat kriminali jikkonsisti fis-segwenti: "*a) The power of volition: i.e., the offender must be able to "help doing" what he does; b) knowledge that what the offender is doing is wrong; wrong, either intrinsically or, at any rate, in prospect of such circumstances as he has grounds for foreseeing; c) foresight of such circumstances*".[18]

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Settembru 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Gauci**, il-Qorti fissret l-elementi tal-iskriminanti kkontemplata fl-Artikolu 33(b) tal-Kap. 9 b'dan il-mod:

"*Il-linja difensjonali sollevata mill-appellant hi dik tat-teorija tal-koerzjoni, jigifieri, fi ftit kliem semplici, li wiehed ikun* ***sforzat, jigi mgieghel, biex jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, li, altrimentri jew normalment ma kienx jaghmel****. Il-ligi taghna, fl-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9, fuq kwotat, issejjah din il-koerzjoni bhala "***forza barranija***", jigifieri, trid tkun xi haga, forza jew koerzjoni gejja minn haddiehor, kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali, minn min qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li certament u necessarjament ghandha tkun prezenti fil-waqt li din il-vittma ta' dik il-forza tkun qed taghmel xi att materjali, xi delitt, u mhux gejja minn xi zmien qabel biss.*

…

*Sabiex tirnexxi din il-linja ta' difiza, jigi rilevat mal-ewwel li mhux kull tip jew forma ta' forza barranija hija accettata ghall-fini tad-dispost ta' l-imsemmi*

[18] Lectures in Criminal Law (First Year), pagna 60.

*Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. Ukoll, sabiex tigi eskluza l-intenzjoni kriminali, iridu necessarjament jikkonkorru r-rekwiziti li ser jigu spjegati issa.*

***L-ewwel nett**, din **trid tkun forza barranija gejja minn haddiehor**, kif gja' intqal, u trid tkun tali li minhabba fiha bniedem ma jkunx responsabbli ghal dak li jaghmel, trid tkun forza barranija li tinnewtralizza kompletament il-volonta` tal-bniedem, li twasslu jew ggieghlu jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, haga li fin-normalita` tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel.*

***Fit-tieni lok, trid tkun forza barranija li qed issir fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta' tieghu, izda trid tkun ezistenti fil-waqt li hu qieghed, effettivament, iwettaq dak l-eghmil.** L-Artikolu kwotat qabel fil-fatt isemmi l-kliem "<u>fil-waqt ta' l-att</u>". Ghalhekk jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija ezistenti, ma jistghax japplika l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. F'dak il-kaz mhiex eskluza l-intenzjoni kriminuza.*

***Fit-tielet lok**, din il-forza barranija gejja minn haddiehor, trid tkun wahda **irrezistibbli**. Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittex jew ma jipprovax li jirrezistiha, mhux biss li dak li jkun ma jaghmilx l-icken sforz biex jehles minn dik il-forza barranija biex ma jasalx jaghmel dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, izda trid necessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jieqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Trid tkun forza barranija tassew irrezistibbli li bniedem ma jkunx kapaci li jirrezistiha. Dan l-element ta' irrezistibilita' tal-forza barranija, mela, hu element verament essenzjali w ferm importanti. <u>Trid tkun forza barranija, ghalhekk, li bniedem verament ma jistghax jirrezisti, u mhux xi forza li ma jipprovax jirrezisti</u>. Kif jghid il-Professur Mamo, trid tkun forza "truly irresistible and not merely unresisted."*

***Fir-raba' lok**, din ic-cirkostanza tal-**forza barranija trid necessarjament tkun wahda serja jew gravi hafna, fis-sens li tista' twassal ghall-konsegwenzi serji jew gravi hafna**. Per ezempju, bniedem jigi mhedded bil-mewt, b'pistola ma'rasu, jekk ma jaghmilx dak li qed jigi mgieghel li jaghmel. Tista' tiehu l-forma ta' minaccja jew theddid ta'mewt ta' xi hadd tal-familja, li ssir lill-minaccjat biex jigi mgieghel jaghmel xi haga. Iridu jkunu cirkostanzi serji jew gravi li, imqarr fuq il-grad tal-probabbli, juru din il-forza barranija rrezistibbli, gejja minn haddiehor, forza ta' certa gravita', tant li f'dak il-mument, il-bniedem minaccjat ma jkollux triq ohra*

*hlief li jesegwixxi dak li qed jigi mgieghel li jaghmel kontra il-volonta' tieghu. Iridu jkunu cirkostanzi dawn li jekk dak il-bniedem minaccjat ma jaghmilx dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, allura, hemm il-perikolu serju w reali li dak it-theddid jew minaccji jissarrfu f'realta'. Iridu jkun cirkostanzi li juru, imqar sal-grad tal-probabbli, li dak il-bniedem minaccjat <u>ma kellu ebda triq ohra</u>, ma setghax jirrezistihom jew jikkombattihom, jigifieri, bilfors kellu jaghmel dak li kien qed jigi mgieghel jew sfurzat li jaghmel.*

*Isegwi, allura, illi jekk il-bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe', jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita' li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwel nett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita'. Jekk ma jaghmilx hekk, u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita' kriminali tieghu ma tkunx eskluza w l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. ma japplikax.*

*Illi minn dan kollu li gie enuncjat sa issa, jidher car, ghalhekk, li din il-linja difensjonali tal-koerzjoni hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta' fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqarr sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setghax, fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija <u>bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe' ma kellux alternattiva ohra kif jista' jehles minn dik il-forza barranija</u>.*" [enfasi u sottolinear ta' dik il-Qorti].

Ghalhekk jekk mill-fatti li jirrizultaw, jezistu l-elementi u r-rekwiziti kollha necessarji sabiex tregi din il-linja difensjonali tal-forza barranija, imqar fi grad ta' probabilita`, allura dan ifisser illi l-element intenzjonali jkun nieqes ghal kollox u japplika l-Artikolu 33(b) tal-Kap. 9.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Irid jinghad fl-ewwel lok, illi l-prova li jgib l-imputat dwar it-theddid u minacci li huwa jghid illi ssubixxa minghand Debattista hija x-xhieda tieghu stess. Verament

illi Raymond Debattista ghazel li ma jwegibx ghal diversi domandi li sarulu mill-Prosekuzzjoni sabiex ma jinkriminax ruhu u dan certament juri wkoll illi l-istess Debattista ried jghatti xturu u l-involviment reali tieghu f'din il-vicenda kollha, izda fi kwalunkwe kaz, kif diga` inghad izjed 'il fuq, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputat kien verament jghaddi l-flus lil Debattista. Irid jinghad ukoll illi l-imputat kellu kull opportunita` li jressaq xhieda ohrajn sabiex jissostanzja x-xhieda tieghu, bhal per ezempju, lill-missier il-mara tieghu, ghaliex skont hu, kien qallu b'dak li kien qed isehh u dan kien anke issuggerielu li jmur ghand il-pulizija. Dan madankollu l-imputat baqa' m'ghamlux. Tinnota wkoll il-Qorti, illi ghalkemm x'aktarx l-imputat verament kien qed jissubixxi xi forma ta' theddid da parti ta' Debattista, biss kif diga` gie osservat izjed 'il fuq, id-dettalji moghtija mill-imputat dwar dan it-theddid komplew jizdiedu, izjed ma kompla jixhed f'dawn il-proceduri u ghalhekk izjed ma beda jghaddi z-zmien. Apparti li kif diga` osservat il-Qorti izjed 'il fuq, l-imputat jiftakar dettal gdid, anke 27 sena wara l-kaz fl-ahhar xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti, lill-Wangi li skont hu, mar ghandu b'*machine gun* zghir wara li kien mibghut minn Debattista, jsemmih ghall-ewwel darba fit-tielet xhieda tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, ossia fis-17 ta' April 1998. Normalment izjed ma jghaddi zmien, wiehed jinsa certu dettal u mhux ikompli jzid mieghu, kif jaghmel l-imputat f'dawn il-proceduri! Tinnota wkoll il-Qorti illi fil-waqt illi fil-bidu, skont l-imputat, Debattista beda jbezza' lill-istess imputat bi proceduri kriminali li kienu ser jittiehdu fil-konfront tieghu, biss fi kliemu stess, l-avukat tieghu serrahlu mohhu dwar dan, u ghalhekk sa hawnhekk, ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni ta' biza' fl-imputat. In oltre f'dan l-istadju, huwa kien qed jigi mhajjar minn Debattista sabiex jiehu l-flus tal-imghallem u jitlaq bihom minn Malta sabiex ihalli l-inkwiet ma' martu warajh. F'daqqa wahda madankollu u dejjem skont l-imputat, dan Debattista beda jheddu li jispara lil martu u lil ibnu, kemm il-darba huwa ma jghaddilux il-flus tad-ditta u dan donnu, skont il-verzjoni tal-imputat, ghal xejn b'xejn. Il-Qorti ghalhekk temmen illi l-imputat mhuwiex qed jghid il-verita` kollha dwar kif dan Debattista wasal sabiex jheddu biex jibda jghaddilu l-flus.

Fi kwalunkwe kaz, anke li kieku din il-Qorti tikkunsidra l-fatt illi l-imputat kien qed jigi mhedded minn Debattista bhala veritier, sal-grad tal-probabbli, fil-fehma taghha ma jirrizultax illi l-forza barranija kienet tali li twassal ghall-iskriminanti kkontemplata fl-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali.

Fl-ewwel lok, huwa tassew evidenti illi l-fatti li jikkostitwixxu r-reat u kif spjegati izjed 'il fuq, ma sehhewx f'okkazzjoni wahda, izda certament fuq medda ta' diversi jiem jekk mhux gimghat, stante illi fil-waqt illi fi stadju minnhom fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi ghadda lil Debattista s-somma ta' Lm22,000 u

izjed tard jghid, illi din kienet somma ta' madwar Lm20,000, jghid ukoll illi huwa kien jghaddilu xi drabi Lm1,000 u drabi ohra Lm2,000. M'hemm xejn x'jindika illi Debattista kien qed jhedded lill-imputat waqt dawn l-atti minnu kommessi – effettivament jghid illi kien it-theddid precedenti li wasslu sabiex japproprja ruhu mill-flus tad-ditta u matul iz-zmien li fih huwa diga` kien qed japproprju ruhu mill-istess flus, Debattista rega' heddu biex ma jikxifx dak li kien qed isehh, sakemm fl-ahhar skont hu, heles minnu billi baghtu l-Ingilterra.

Huwa evidenti wkoll lil din il-Qorti illi matul dan iz-zmien, l-imputat kellu opportunitajiet ampji sabiex jirregola ruhu. L-imputat innifsu jghid illi dak li kien intqal lilu dwar akkuzi ta' *'manslaughter'* ma kellhomx mis-sewwa, u jidher li gharaf sew id-distinzjoni bejn dak li huwa fehem li kienet timporta l-akkuza ta' *'manslaughter'* vis-à-vis vjolenza fuq il-persuna ta' martu, tant li dan gie kkonfermat mill-avukat ta' fiducja tieghu ta' dak iz-zmien. Ghalkemm kif jghid hu, sussegwentement beda t-theddid da parti ta' Debattista, minkejja li huwa kellu problemi mal-mara, f'xi zmien kien iltaqa' ma missier il-mara tieghu li, skont hu, kien imlahhaq sew fid-Dwana, u li da parti tieghu kien tah il-parir li kellu jfittex l-assistenza tal-forzi ta' l-ordni u jitkellem mad-dirigenti tad-ditta. Mhux talli ma jidhirx li l-imputat ghamel dan, izda minflok ippersista, minkejja illi sab appogg u konfort f'haddiehor li kien qieghed jiggwidah fit-tajjeb. Fil-fehma tal-Qorti, imbaghad, illi l-imputat jghid illi dan Debattista kien ibezzghu fis-sens illi kien jghidlu illi jekk imur ghand il-pulizija jsir jaf ghaliex kellu hafna hbieb fil-pulizija, hija skuza wisq fjakka, li ma tiggustifikax in-nuqqas komplet tieghu illi jitlob l-assistenza tal-pulizija, izjed u izjed meta wiehed iqis illi dan kollu sar fuq medda ta' zmien u in oltre illi l-uniku pulizija li jsemmi l-imputat u li f'okkazzjoni wahda biss rah jitkellem ma' Debattista, kien certu Ronnie Cilia. L-imputat seta' wkoll fittex l-ghajnuna tad-dirigenti tad-ditta li kienet timpjegah, kif issuggerielu missier martu. Fil-fehma tal-Qorti, din il-forza barranija ezercitata fuq l-imputat minn Debattista ma kinitx wahda irresistibbli, izda tali illi huwa ma fittex li jirrezistiha bl-ebda mod. Ghalkemm l-atti kienu gew diga` minnu kommessi f'dak l-istadju, lanqas meta kien gewwa l-Ingilterra ma ra kif fittex l-ghajnuna tal-pulizija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm l-imputat jghid illi kien jibza' hafna minn Debattista, huwa xorta ma qghadx ghal dak li qallu sabiex jaghmel ossia fl-ewwel lok, illi joqghod mal-hbieb tal-istess Debattista, izda minflok mar jghix ma' zitu u fit-tieni lok, illi ma jigix lura Malta. Jghid ukoll illi f'dan iz-zmien gewwa l-Ingilterra, fittex l-ghajnuna ta' kuginuh, ossia l-avukat ta' fiducja tieghu, li tah il-parir biex jigi lura Malta u fil-fatt ghamel dan – persuna ohra din, fil-fehma tal-Qorti, illi l-imputat seta' facilment fittex l-ghajnuna taghha meta beda jigi mhedded minn Debattista u illi certament kienet tkun kapaci tiggwidah dwar kif kellu jimxi. L-imputat fittex l-ghajnuna tal-avukat tieghu f'zewg okkazzjonijiet,

izda din id-darba ghazel li ma jaghmilx dan.  Ghalhekk huwa naqas bl-izjed mod lampanti milli japprofitta ruhu mill-opportunitajiet li kellu sabiex jinnewtralizza t-theddid ta' Debattista.

Irid jinghad ukoll illi l-imputat jghid fix-xhieda tieghu illi dak iz-zmien huwa kien ghadu zghir u ghalhekk kien izjed jimpressjona ruhu.  Biss il-Qorti tinnota illi l-imputat kellu kwazi erbgha u ghoxrin sena, kien mizzewweg, kellu wild, kien akkwista proprjeta` li fiha kien jghix ma' martu u ibnu u jidher ukoll illi kellu l-fiducja tad-ditta li kienet timpjegah, meta minn *delivery man* beda jahdem maghha bhala *sales representative*, xoghol ghalhekk li kien jikkomporta izjed responsabilita`.  Sahansitra baqa' l-Ingilterra, il-boghod minn familtu ghal kwazi sena.  L-imputat ghalhekk kien kapaci jiehu decizjonijiet importanti u ma kienx xi tifel zghir, li qatt ma hareg minn daru!

Fi kliem il-Professur Mamo:

*"Moral coercion operates as a ground for exemption from criminal responsibility when it completely suppresses the possibility of a normal determination on the part of the person doing or omitting the fact. When it does not attain such a degree of intensity, but leaves to that person the possibility of determining himself one way or another, even with an effort or at some sacrifice, then the old maxim of Roman Law "coactus tamen voluit" applies and the fact is imputable, saving the discretion of the Court to mitigate the punishment within the latitude permitted by law, having regard to the particular circumstances under which the offence was committed".*

Ghaldaqstant, isegwi illi bil-fatt li l-imputat ippersista fl-agir kriminuz tieghu tul perjodu ta' zmien, minghajr ma ha l-opportunita` li jinnewtralizza l-forza barranija bil-mezzi li taghtih il-ligi, ir-responsabilita' kriminali tieghu mhijiex eskluza ai termini tal-Artikolu 33(b) tal-Kap. 9 u ghalhekk jibqa' pjenament responsabbli ghal dan l-agir.

Konsegwentement, il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat ikkommetta r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 293 tal-Kap. 9, kif aggravat bic-cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 294 tal-Kap. 9 u ghaldaqstant, qed jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni, b'dan illi fir-rigward tal-ammont tal-flejjes li gew approprjati indebitament u li skont l-ewwel imputazzjoni, jeccedu s-somma ta' Lm45,000, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Ghalkemm fix-xhieda tieghu, Brockdorff semma' l-figura li skont id-ditta, kellha tithallas lura lill-istess ditta mill-imputat, l-istess xhud jghid ukoll illi din il-figura waslu ghaliha wara xoghol ta' stharrig li sar minn ezekuttivi tal-kumpanija, liema ezekuttivi baqghu ma xehdux f'dawn il-proceduri u ghalhekk dan l-ammont baqa' ma giex ikkonfermat minn min hadem fuqu. X'aktarx huwa wkoll il-kaz, illi dak iz-zmien kien hemm ukoll flejjes illi l-imputat kien ghadu ma gabarx minghand klijenti tad-ditta meta huwa telaq minn Malta habta u sabta u ghalhekk dawn mhux necessarjament kienu flejjes li huwa kien approprja ghalih inniffsu jew ghal Debattista. Tqis ukoll illi la darba l-imputat gie akkuzat u qed jinstab hati biss bir-reat ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kap. 9, il-Qorti tista' biss issib htija dwar dawk il-flejjes li huwa approprja ruhu minnhom minghajr jedd ai termini tal-imsemmi Artikolu 293. La darba l-imputat jammetti fix-xhieda tieghu li dawn il-flejjes kienu jammontaw "*minghalih*" ghas-somma ta' Lm22,000 u f'parti ohra tax-xhieda tieghu jghid illi dawn kienu jammontaw ghal madwar Lm20,000, in osservanza tal-principju illi d-dubju ghandu jmur favur l-imputat, il-Qorti qed issib htija fir-rigward ta' din l-ahhar somma, ekwivalenti ghas-somma ta' €46,587.47.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni: Falsifikazzjoni – Artikolu 183 tal-Kap. 9</u>**

L-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **<u>Pulizija v. Paul Galea</u>**[19], inghad hekk:

[19] Din is-sentenza giet citata f'diversi sentenzi ohrajn dwar din il-materja fosthom **<u>Il-Pulizija vs Glen Debattista</u>**, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 11 ta' Settembru 2013; **<u>Il-Pulizija vs John Mercieca</u>**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 3 ta' Novembru 2009; **<u>Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon</u>**, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 167/10, 30 ta' Jannar 2018.

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tieghu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – V. VI, n. 2296, -. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwini "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. op. pit, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezi indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg…"*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Glen Debattista** tal-11 ta' Settembru 2013, saret referenza ghat-taghlim ta' Manzini u ta' guristi eminenti ohrajn u b'referenza ghas-sentenza fuq citata, qalet hekk:

"*… dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideologiko u il-falz materjali abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideologiku meta għalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' veridico, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.'*

*L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:*

*Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica*

*quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.*[20]

*Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny:*

*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not. Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[21]

*Illi l-istess Profs Mamo jirreferi għad-*dottrina *Taljana msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document."*[22]

*Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:*

*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris. As we have said the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing. The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered".*

---

[20]Hawnhekk il-Qorti ticcita minn Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale II, pagna 606.
[21] Prof. Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II, pagna 161.
[22] Professur Mamo Anthony, op.cit., pagna 161.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Samuel Herd</u>** tat-30 ta' Novembru 2017:

*"9. ... Jghallem il-Mamo, illi hlief ghal dak li jirrigward l-falsifikazzjoni ta' dokumenti pubblici u privati, l-Kodici Kriminali, bhal ligijiet li minn fuqhom kienu abbozzati l-artikoli tal-falsifikazzjoni, ma jipprovdux tifsira tal-istess. Huwa jiccita lill-Roberti u lill-Pessina li huma tal-fehma illi falsifikazzjoni tista' ssir b'zewg mezzi: jew billi jinholoq dokument ex integro jew parti minnu jew billi ssir alterazzjoni ta' dokument genwin. Itenni ukoll illi ma jistax jonqos l-element formali tar-reat skond il-principju emergenti mid-dritt Ruman: non sine dolo male falsem". Kwantu wiehed mill-elementi kostituttivi tal-aspett materjali tar-reat, il-Professur Mamo (op. Cit a fol 161) jiccita l-awtur Kenny li jsostni li "an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not... Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself".*

*10. F'edizzjoni aktar ricenti tax-xoghol ta' Kenny, (Kenny's Outlines of Criminal Law – 19 Ed 1966 edited by J.W. Cecil Turner – Cambridge University Press) taht is-subtitolu THE FALSITY IS OF PURPORT, NOT OF CONTENTS, l-awtur jirritjeni hekk:*

*"A writing is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not. Thus in Re Windsor it was declared: "Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing". The simplest and the most effective phrase by which to express this rule is to state that for the purposes of the law of forgery the writing must tell a lie about itself". Fil-kaz odjern, l-attendance sheets juru hinijiet ta' xoghol tieghu meta fil-verita' ma kienx prezenti fuq l-istess post tax-xoghol. Dan huwa kaz klassiku tal-falz ideologiku kif distint mill-falz materjali li b'mod simplistiku huwa ta' spiss spjegat bhala holqien ta' dokument veru li, izda, jkun fih dikjarazzjoni inveritiera. Kif jinsenja l-gurista Francesco Antolisei (Manuale di Diritto Penali – Parte Speciale II, Giuffre' 1986: - "Allo scopo di precisare la distinzione, il Manzini (Conformemente, del resto, alla migliore dottrina straniera), si e richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilieva, assume in genere il-termine 'falso', e precisamente alla differenza tra 'non-genunita`' e 'non-verdicita`'. Secondo l-insigne autore, il falso materiale si ha quando il-documento non e' genuine; il falso ideologico allorche` l-*

*documento e' bensi genuino, ma non e' veridicio, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero";*

U wara referenza ghall-bran mis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Paul Galea', citat izjed 'il fuq, il-Qorti kkonkludiet illi:

*"Illi ghalhekk il-fehma tal-appellant illi r-reat ta' falsifikazzjoni necessarjament jirrikjedi alterazzjoni f'dokument hija wahda zbaljata. L-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali li tieghu instab hati l-appellant huwa forma ta' falsita' ideologika u bhala tali huwa soggett ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha din il-htija kompriz ghalhekk dik ravvizata fl-artikolu 190 tal-istess kodici."*

Din id-distinjoni saret ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raphael Axiak,** deciz fit-30 ta' Dicembru 2009, liema kaz kien jirrigwarda certifikat skolastiku kontenenti kwalifiki foloz u fir-rigward ta' liema intqal hekk:

*"Hawnhekk ghandna kaz klassiku ta' falz materjali, cioe` ta' meta d-dokument ma jkunx wiehed genwin propju ghax l-awtur apparenti – cioe' "C. Attard", bhala kap ta' l-iskola Ninu Cremona Lyceum Complex u in rappresentanza ta' l-istess – ma kienx verament l-awtur ta' dan id-dokument. Kien ikun hemm falz ideologiku, u ghalhekk ma kienux ikunu applikabbli l-Artikoli 183 u 184 imsemmija, li kieku d-dokument kien wiehed genwin izda kien jikkontjeni dikjarazzjonijiet inveritjeri "perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero."*

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti relattivi ghal din l-imputazzjoni (Dokumenti VB3A, a fol. 76 tal-process), liema dokumenti jgibu t-titolu "*Cash Sale"* u huma dokumenti ta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. Id-dokumenti, individwalment enumerati, huma datati u fost il-merkanija mibjugha u l-prezz taghha, hemm fihom indikat isem il-hanut jew il-persuna li lilha qeghda tinbiegh il-merkanzija, taht il-kliem *"delivered to"*.

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi l-falsifikazzjoni proposta hija fis-sens illi l-isem taht il-kliem *"delivered to"* li jidher fuq dawn id-dokumenti, ma huwiex l-isem veru tal-persuna jew tan-negozju li lilha jew lilu giet ikkonsenjata l-merkanzija. Fi kliem iehor, il-falsita` tezisti fl-ismijiet indikati fid-dokumenti. Il-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda li jikkonfermaw illi l-merkanzija indikata f'uhud minn dawn

id-dokumenti[23] ma gietx ordnata minnhom u kkonsenjata lilhom, kuntrarjament ghalhekk ghal dak indikat fid-dokument. L-imputat jammetti fix-xhieda tieghu li kien jadopera din is-sistema sabiex iforni merkanzija kemm lil Giovanni Azzopardi, kif ukoll lill-klijenti li d-ditta ma riditx tipprovdihom bil-merkanzija taghha, minhabba li kellhom pendenzi mad-ditta oltre l-*credit limit* taghhom u x-xhud Jesmond Aquilina jikkonferma illi huwa kien jigi dirett mill-imputat sabiex jikkonsenja merkanzija lill-individi jew negozji, li isimhom kienet xort'ohra minn dak indikat fid-dokumenti.

Il-pern tal-kwistjoni huwa ghalhekk dwar jekk dan il-fatt jikkostitwix ir-reat ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kap. 9.

Fid-dawl tal-principji legali appena ezaminati, il-Qorti tqis illi l-att li wettaq l-imputat ma jaghtix lok ghall-falz materjali. La jirrizulta – u lanqas qed jigi allegat - illi d-dokumenti per se ma kinux genwini, kif lanqas jirrizulta li d-dokumenti ssubew xi alterazzjoni wara l-formazzjoni taghhom. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti tqis illi dawn il-fatti jammontaw ghal falz ideologiku u dan ghaliex filwaqt li d-dokumenti huma genwini, dawn jindikaw dak li mhuwiex minnu u cioe` il-falz[24].

Illi r-reati taht l-Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali, li bihom qed jigi mixli l-imputat odjern, jikkontemplaw madanakollu il-falz materjali. Fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru 2010, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manwel Cassar**, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[25], irriteniet illi l-Artikoli 183, 184 u 185 tal-Kap. 9 jirrigwardaw il-falz materjali[26], mentri l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 jirrigwarda l-falz ideologiku.

---

[23] Ara l-*Cash Sale* bin-numru 005557 u 002371 li dwarhom ix-xhud Anna Galea ta' Mini Market, Mosta tghid illi hija m'ghamlitx dawn l-ordnijiet (a fol. 91 *et seq* tal-process), il-*Cash Sale* bin-numru 005552 li dwaru Emanuel Vella ta' Xufi Mini Market jghid illi m'ghamilx din l-ordni (a fol. 100 *et seq* tal-process), il-*Cash Sale* bin-numru 001173 u 002372 li dwarhom ix-xhud John Muscat ta' Housing Estate Store jghid illi huwa qatt ma rahom u cahad illi ha xi oggetti minnhom (a fol. 102 *et seq* tal-process) u l-*Cash Sale* bin-numru 001156 u 008093 li dwarhom Anna Zahra ta' Coronation Store tghid illi tali ordnijiet m'ghamlithomx (a fol. 105 *et seq* tal-process).

[24] Din ukoll kienet il-konkluzjoni tal-Qorti fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Galea** fejn l-imputat instab hati taht l-Artikolu 188 tal-Kap. 9, meta ghamel alterazzjonijiet f'numru ta' *chassis* ta' vettura bil-mutur u fil-kaz **Il-Pulizija vs Biagio Muscat**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Novembru 2013, fejn l-imputat instab hati ai termini tal-Artikolu 188 meta huwa nizzel f'certifikat tal-VRT, informazzjoni li ma kienetx veritiera.

[25] Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tal-10 ta' Gunju 2011.

[26] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Victor Dimech**, Qorti tal-Appell Kriminali, 2 ta' Ottubru 2014, fejn l-imputat gie akkuzat li hareg fatturi ghal xoghol li qatt ma sar. Huma bosta s-sentenzi li jistabilixxu illi l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 jikkontempla l-falz ideologiku mill-privat, fosthom **Il-Pulizija vs John Mercieca**, **Il-Pulizija vs Biagio Muscat** u **Il-Pulizija vs Samuel Herd**, li ghalihom saret referenza izjed 'il fuq u **Il-Pulizja vs Christian Demanuele**, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Awwissu 2017.

Huwa evidenti illi l-kaz odjern m'huwiex wiehed ta' '*non genuinita``* tad-dokument li jikkostitwixxi l-falz materjali, izda ta' *'non veradicita``* li jikkostitwixxi l-falz ideologiku. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi r-reat ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, addebitat lill-imputat, ma jirrizultax. Konsegwentement l-istess irid jinghad fir-rigward tal-Artikolu 184 tal-istess Kodici.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat kif aggornata sa Gunju 2015, liema fedina penali ghalkemm mhux netta, ma kinitx wahda allarmanti, kif ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Qieset ukoll in-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-istess imputat, kif ukoll il-fattur li jaggravah, li l-ammont ta' flus li huwa approprja minghajr jedd ma kienx ammont zghir, kif ukoll ic-cirkostanzi li taw lok ghal dan il-kaz. Qed tqis ukoll illi minkejja li l-kaz sehh kwazi tletin sena ilu, biss id-dilungar fil-proceduri kien dovut fil-maggor parti tieghu lill-istess imputat li fi kliem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)[27] "*litteralment thalla jaghmel hijack tal-proceduri u ilu s-snin jaghmel li jrid*".[28] Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, it-trapass taz-zmien m'ghandux jibbenefika minnu l-imputat.

Tqis ukoll illi f'dan il-kaz sentenza sospiza ghandha tkun sentenza idonea, b'dan ukoll illi l-Qorti ser tobbliga lill-hati ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jhallas lid-ditta s-somma ta' Lm20,000, ekwivalenti ghas-somma ta' €46,587.47, in linea mal-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq.

Fir-rigward tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ghalkemm dan l-artikolu gie indikat mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu, biss il-Prosekuzzjoni naqset li titlob il-hlas tal-ispejjez fil-kaz ta' htija, fic-citazzjoni odjerna, kif kien jesigi l-istess artikolu fiz-zmien tal-kaz odjern. Fi kwalunkwe kaz, ma gewx nominati esperti f'dawn il-proceduri u ghalhekk m'hemm l-ebda lok ghall-hlas ta' spejjez.

## Konkluzjoni

---

[27] Ara s-sentenza fl-ismijiet 'Christopher Cassar vs L-Avukat Generali u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2013, il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd sabiex tintervjeni fil-kawza' tas-26 ta' Settembru 2013, esebita a fol. 406 tal-process.
[28] Ara a fol. 414 tal-process.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni (izda ghar-ragunijiet fuq indikati mhux dwar flejjes li jeccedu s-somma ta' hamsa u erbghin elf Liri Maltin (Lm45,000), izda fis-somma ta' ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47)) u tikkundannah ghall-piena ta' tnax-il xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas lid-ditta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. is-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll il-konsegwenzi ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9, kemm il-darba l-hlas fuq imsemmi ma jsirx fil-perjodu indikat.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat